IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 05-2019(01_10_19)**

**1 ta' Ottubru 2019**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Damien Spiteri - Sindku
Is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Mark Busuttil - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sur Damien Spiteri.

**05.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

05.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sur Mark Busuttil bagħat *sms* fejn talab li jkun skużat peress li kien qed jattendi għal funeral f'Malta.
Huwa ġie skużat.

05.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li llum kien irċieva ittra ta' riżenja mingħand il-Kunsillier Sonja Abela. L-Uffiċċju Elettorali, il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ġew infurmati.

**05.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

05.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħa preċidenti numru 04-2019(02_09_19) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**05.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

05.3.1 Is-Sindku ta rendikont tal-laqgħat li kellu.
Dawn jinkludu:
Saret laqgħa mal-kuntrattur u mal-perit sabiex jibda l-proġett ta' Triq Munxar fejn ser isiru xogħlijiet fuq il-bdil tal-*main* tal-ilma tat-triq kollha u s-servizzi f'kull dar u wara jingħata wiċċ ġdid tat-tarmak; saret laqgħa mal-perit u mal-kuntrattur rigward il-proġett tar-restawr tat-Torri tax-Xlendi, fejn preżentament il-Kunsill għadu qed jistenna l-kuntrattur sabiex jippreżenta l-garanzija u jkun jista' jiffirma l-kuntratt; saret laqgħa fuq il-post ma' rappreżentanti tal-ERA rigward iż-żbir tas-siġar tal-Pjazza tal-Knisja fejn il-Kunsill talab sabiex jiżbor żabra sew is-siġar min-naħa ta' wara fejn id-djar tar-residenti u l-Kunsill għadu qed jistenna risposta mingħand l-ERA; saret laqgħa mal-inġinier rigward il-proġett tad-dawl tal-Pjazza tal-Knisja; saret il-laqgħa pubblika tal-Kunsill fit-30 ta' Settembru 2019 fejn il-Kunsill elenka l-Pjan ta' Ħidma tiegħu; il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skemi kif ukoll il-Viċi Sindku attendiet għal-laqgħa tar-Reġjun Għawdex; u saret laqgħa mal-perit rigward proġetti li l-Kunsill għandu ppjanat li jwettaq, fosthom, fi Triq Dun Spir Gauci.

Is-Sindku informa lill-Kunsill b'applikazzjoni u attivitajiet li kienu saru.
Dawn jinkludu:
Saret applikazzjoni għall-fondi Ewropej għall-proġett bl-isem ta' 'Wifi4EU' fejn permezz ta' dan il-proġett Kunsill Lokali jista' jirċievi sa massimu ta' €15,000 sabiex ikun jista' jimplimenta installazzjoni ġdida jew *upgrade* tal-*WiFi* eżistenti; saret l-attività ta' 'Clean Up The World 2019' fil-21 ta' Settembru 2019 fejn sar tindif f'Tal-Ponta u madwar il-kosta tax-Xlendi; saret il-ħarġa għal Malta fis-17 ta' Settembru 2019; saret l-esibizzjoni dwar fdalijiet ta' żmien il-Feniċi fix-Xlendi fl-20 ta' Settembru 2019 u saret il-preżentazzjoni rigward *healthy lifestyle* fit-28 ta' Settembru 2019.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għal diversi lmenti/suġġerimenti li kien irċieva.
Dawn l-ilmenti/suġġerimenti jinkludu:
Sar suġġeriment sabiex isir it-tindif tal-Wied tax-Xlendi u r-restawr tal-akwadott; sar suġġeriment sabiex tinżabar is-siġra li hemm fi Triq ir-Rumani u għaldaqstant is-Sindku ser ikellem lid-Dipartiment tas-*Civil Protection*; sar suġġeriment sabiex isiru arbli tad-dawl għall-aħħar parti ta' Triq ir-Rumani; sar suġġeriment sabiex fil-Pjazza tal-Knisja ssir *stop sign* mal-art quddiem iz-zuntier għal ġol-*main road* u s-Sindku ssuġġerixxa li jiġi kkunsidrat li jsir *traffic management* ġdid sabiex jiġi evitat li t-traffiku jgħaddi minn quddiem iz-zuntier; sar ilment rigward l-ilma tax-xita li qed jidħol fid-djar fi Triq Żgħawri; is-Sindku ssuġġerixxa li ssir *gate* mad-dawra ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina għal aktar sigurtà lit-tfal, sar suġġeriment sabiex issir mera fi Triq Kolaċi; sar suġġeriment sabiex tinżamm il-ġurnata tas-Sibt għall-ġbir ta' skart tal-borża s-sewda fil-Munxar; sar suġġeriment sabiex isiru sessjonijiet ta' *Yoga* għall-anzjani kull nhar ta' Erbgħa għal siegħa fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Munxar; sar suġġeriment sabiex isiru attivitajiet kulturali għax-xhur ta' Novembru 2019 u Diċembru 2019 relatati mal-Festa ta' San Martin u mal-Milied ta' dari fejn għandha tintalab l-assistenza tal-Ministru għal Għawdex; u sar suġġeriment sabiex titqaxxar il-kantuniera ta' fejn Ġnien Ragalna.

**05.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

05.4.1 Is-Sa Carmela Parnis ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar tabella ta' direzzjoni li hija mdawra. Il-Kunsill ħa nota ta' dan.
Hija talbet lill-Kunsill sabiex inaddaf il-passaġġ tal-Wied tax-Xlendi. Dan il-passaġġ kien beda jitnaddaf mill-Ministeru għal Għawdex u issa reġgħet saret talba.
Is-Sa Parnis infurmat lill-Kunsill li fil-laqgħa li attendiet dwar skemi, ħarġet informazzjoni li ser tiġi mnedija skema ta' kisi ta' sqaqien.

05.4.2 Is-Sur Joseph Cauchi ssuġġerixxa li l-Kunsill jorganizza attività fil-Pjazza tal-Knisja fil-Festa ta' San Martin, il-11 ta' Novembru 2019. Peress li l-iskema ta' attivitajiet hija magħluqa huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb direttament lill-Ministru għal Għawdex.

Huwa ppropona wkoll sabiex issir l-attività għall-Milied bit-tema 'Milied ta' Dari' fejn jingħata għarfien dwar attivitajiet li kienu jsiru fil-Milied ta' dari.

**05.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

05.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-iskeda ta' ġbir ta' skart domestiku tax-xitwa għax-Xlendi peress li skont l-iskeda tas-sajf il-ġbir tal-borża s-sewda ser isir fit-3:00 ta' waranofsinhar. Kien hemm qbil li fix-xitwa l-borża s-sewda tax-Xlendi tas-Sibt tinġabar fit-8:30 ta' filgħodu.

05.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva talba mingħand resident fi Triq Żgħawri, Il-Munxar sabiex issir xi ħaġa biex l-ilma ma jibqax jidħol fid-dar tagħha. Kien hemm qbil li jiġi kkunsidrat li jsir *culvert* għall-ilma. Għaldaqstant, ser jiġi kkonsultat il-perit.

05.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-iskema Green MT għadha ma ġietx biex tiffirma l-ftehim peress li l-ftehim kellu jibda mill-1 ta' Ottubru 2019.

05.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta stima sabiex jinxtraw żewġ *pots* sabiex jitpoġġew fil-Pjazza tal-Knisja. Is-*supplier* huwa APM Solutions għall-prezz ta' €2,577.12 VAT u *delivery* inklużi. Kien hemm qbil li jinxtraw.

05.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li ser terġa' toħroġ is-sejħa għall-offerti għal dawn is-servizzi:

1. Ġbir ta' skart domestiku;
2. Tranġar tax-*shelter* tal-Pjazza tal-Knisja;
3. Ġbir ta' skart domestiku goff;
4. Servizz ta' *Contracts Manager*;
5. Servizz a' *Handyman*;
6. Xogħlijiet fit-Toroq – Tarmak;
7. *Project Manager* fondi *ERDF* – Restawr tat-Torri tax-Xlendi;
8. Bdil ta' Lanterni fix-Xlendi.

05.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ġabar tliet stimi sabiex tinxtara *photocopier* tal-kulur u tieħu A4 u A3. Ġie deċiż li tinxtara *photocopier* mingħand Strand Electronics Ltd bil-prezz ta' €2,059.10 VAT inkluż. Magħha ser jinxtraw kxaxen *extra* u *cabinet* tal-metall għall-prezz ta' €536.90 VAT inkluż.

**05.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

05.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 18/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali skont L.S.441.04'.

05.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 19/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Sistemi ta' *Live-Streaming'*.

05.6.3 Il-Kunsill irċieva Direttiva Numru 02/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Revoka ta' Direttiva Numru 1/2019'.

05.6.4 Il-Kunsill irċieva Direttiva Numru 03/2019 mingħand id-Direttur (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Sapport), Diviżjoni għall-Gvern Lokali bis-suġġett '*Contracts Managers'*.

05.6.5 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali d-dokument 'Rapport ta' Ħidma Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali' - April-Ġunju 2019 bit-tema '*Standing up for Better Local Government*'.

05.6.6 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 2019/099 mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward '*Invitation for Local Councillors for Delta Tech Week'*. L-Assoċjazzjoni qiegħda twassal korrispondenza mingħand is-Segretarju Parlamentari għas-Servizzi Finanzjarji, Ekonomija Diġitali u Innovazzjoni fejn il-membri eletti u Segretarji Eżekuttivi huma mistiedna għad-Delta Summit mingħajr ħlas.

05.6.7 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tas-87 Laqgħa tar-Reġjun Għawdex tat-13 ta' Settembru 2019 u l-Minuti tal-Laqgħa Numru 86/2019 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

05.6.8 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-*Department of Customer Services,* Sezzjoni għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Kors tal-Universitá tat-Tielet Età f'Għawdex 2019-2020' inkluż it-*time table* tal-*lectures* u applikazzjoni. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex iwassal dan l-avviż lil dawk l-anzjani li jistgħu jkunu interessati u jisponsorja żewġ anzjani li qatt ma kellhom l-okkażjoni li jattendu l-Università tat-Tielet Età.

05.6.9 Il-Kunsill irċieva invit mingħand The Malta Intelligent Energy Management Agency (MIEMA) għan-*National Seminar* – 'LOCAL4GREEN Project' fis-27 ta' Settembru 2019, fil-Kunsill Lokali Pembroke. Mehmuż kien hemm *draft programme* u ngħatat aktar informazzjoni dwar din l-attività inkluż *training session* dwar *Energy Performance Contracting* matul dik il-ġurnata.

05.6.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment tal-*Customer Services*, Sezzjoni għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward quddiesa għall-Anzjani fl-okkażjoni ta' Jum l-Anzjan fit-13 ta' Ottubru 2019, fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Il-Kunsill ġie mitlub jinforma lill-anzjani tar-raħal.

05.6.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq Munxar fejn staqsa dwar ix-xogħlijiet li bdew fi Triq Munxar. Huwa staqsa dwar kemm ser idumu x-xogħlijiet, x'ser isir u jekk ikunx jista' jkollu aċċess għad-dar tiegħu bil-karozza. Risposta kienet diġà ntbagħtet.

05.6.12 Il-Kunsill ġie mistieden sabiex jipparteċipa fl-inizjattiva 'WiFi4EU'. Il-Kunsill applika fejn ser jingħata fondi sabiex ikun hawn aktar *WiFi hotspots* fil-lokalità.

05.6.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq San Pawl fejn qed jilmenta li fl-aħħar tieġ li sar fil-Knisja tal-Munxar intefgħu *foil sticker tape* fit-triq li lkoll baqgħu sejrin fil-*culverts* tal-viċin. B'dawn qed tiżdied il-*pollution* peress li dan il-materjal ma jispiċċax. Il-Kunsill ħa nota ta' dan u ser iressaq dan l-ilment mal-awtoritajiet.

05.6.14 Il-Kunsill irċieva talba mingħand is-sid ta' *aparthotel* fi Triq il-Ġostra, Ix-Xlendi sabiex isir *loading/unloading* quddiem il-*garage* peress li qabel kien hemm *loading/unloading* minflok il-bankina. Ġie deċiż li l-Kunsill jikkonsulta ma' Transport Malta peress li quddiem *garage* ikun awtomatikament *loading/unloading*.

05.6.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq Ta' Marżiena fil-Munxar. Din il-persuna qed titlob li jsir *sleeping police* sabiex il-vetturi jnaqqsu mill-i*speed*. Il-Kunsill ma jaqbilx ma' talbiet li jsiru għal *sleeping police* peress li jekk isiru jkunu ta' inkonvenjent.

05.6.16 Il-Kunsill irċieva ritratti ta' bankina fi Triq ir-Rabat fejn sar xi żvilupp fuq il-proprjetà tal-viċin. Is-sid ser jintalab li jibgħat ritratti *close up* tal-bankina.

05.6.17 Il-Kunsill irċieva stedina għal *seminar* dwar l-Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali. Dan ser isir il-Ħamis, 3 ta' Ottubru 2019.

05.6.18 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Wasteserv dwar is-*Social Marketing Campaign*. L-għan ewlieni għal din l-inizjattiva huwa sabiex jinħoloq *waste management awareness* u b'hekk tiżdied is-separazzjoni tal-iskart. Din l-inizjattiva ser tikkonsisti billi *waste management promoters* ser jakkompanjaw trakk speċjalizzat li jilqa' fih *waste streams* li jinkludu jablo, *plastic*, ħġieġ, karti u kartun, ħadid, żejt tat-tisjir, bozoz u drapp flimkien ma' oġġetti oħra li s-soltu jittieħdu mir-residenti fis-*Civic Amenity Site*. Ma jinġabarx fdalijiet tal-ikel u skart industrijali/kummerċjali. Dan is-servizz fix-Xlendi ser jibda minn nhar l-Erbgħa, 16 ta' Ottubru 2019 u jkompli jingħata kull tielet Erbgħa tax-xahar minn Pjazza l-Anfori (ħdejn il-*bring in site*). Fil-Munxar dan is-servizz ser jibda jingħata minn nhar l-Erbgħa, 6 ta' Novembru 2019 u jkompli jingħata kull l-ewwel Erbgħa tax-xahar mill-Pjazza tal-Knisja. Il-ħinijiet ser ikunu bejn id-9:30 ta' filgħodu u s-1:30 ta' waranofsinhar.

05.6.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li toqgħod Ix-Xlendi fejn qed tissuġġerixxi li jsiru lqugħ matul il-Wied tax-Xlendi sabiex jilqgħu l-ilma tax-xita u mhux jibqa' nieżel fil-baħar. Il-Kunsill jaqbel ma' din il-proposta u ser jirreferiha lill-persuna inkarigata mill-*Masterplan* tax-Xlendi.

**05.7 Il-laqgħa dwar pjan ta' ħidma tal-Kunsill**

05.7.1 Din il-laqgħa saret fit-30 ta' Settembru 2019 fis-6:00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Il-Munxar.
Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sur Damien Spiteri – Sindku, is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku u s-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier. Preżenti wkoll kien hemm is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv. Pubbliku preżenti kien hemm wieħed (1).

Il-pjan tal-Kunsill huwa maqsum fuq erba' *areas* ta' prijoritajiet li jinkludu għoxrin idea prinċipali. Dawn huma l-erba' *areas* ta' prijoritajiet: Attivitajiet, Manutenzjoni Ġenerali, Proġetti Infrastrutturali u l-Indafa u l-Ambjent.

Prijorità Numru 1: Attivitajiet

1. Attivitajiet Soċjali
Dawn jinkludu numru ta' attivitajiet li jsiru minn żmien għal żmien, ivarjaw minn *fitness classes*, ħarġiet għal Malta u postijiet oħra ta' interess u *festivals* organizzati fil-lokalità tagħna, eċċ.

2. Attivitajiet Kulturali
Dawn jinkludu attivitajiet marbuta mal-wirt kulturali tagħna li fost oħrajn huma Ix-Xlendi Ceramics Festival u l-Fjakkolata bħala parti mill-kalendarju ta' attivitajiet 'I love Ix-Xlendi' Summer Events, il-Festa ta' San Pawl Nawfragu fil-Munxar u l-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi li tinkludi wkoll il-Ġostra.

3. Attivitajiet barra minn xtutna
Il-Kunsill huwa impenjat sabiex jakkwista fondi li bihom joffri opportunitajiet fejn ir-residenti jsifru u jżuru kulturi differenti.

4. Attivitajiet Sportivi
Il-Kunsill huwa impenjat sabiex jassisti l-Organizzazzjonijiet Sportivi Lokali kif ukoll jorganizza numru ta' attivitajiet sportivi kemm għaż-żgħażagħ, l-adulti u l-anzjani u anke preżentazzjonijiet dwar *healthy lifestyle*.

Prijorità Numru 2: Manutenzjoni Ġenerali

5. Manutenzjoni Ġenerali
Il-Kunsill huwa impenjat sabiex iħares dak li għandna u għaldaqstant din l-amministrazzjoni tieħu l-manutenzjoni ġenerali bis-serjetà. Fil-fatt il-Kunsill jinvesti ħafna fondi, fuq bażi kontinwa, għal dan il-għan.

Prijorità Numru 3: Proġetti Infrastrutturali

6. Kostruzzjoni ta' toroq ġodda

Dawn jinkludu l-bdil tas-servizzi li għaddejjin minn taħt it-triq kif ukoll il-bini ta' *culverts* sabiex jiġi evitat l-għargħar. Il-Kunsill diġà beda bil-kostruzzjoni ta' Triq Munxar.

7. Il-Proġett tar-riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-Knisja

Il-Kunsill għaddej bid-diskussjonijiet mal-esperti u kkonsulta mal-Ministeru għal Għawdex peress li huwa ppjanat li dan il-proġett jitlesta sa tmiem din il-leġislatura. Dawn jinkludu l-installazzjoni ta' fanali dekorattivi, ftuħ tax-*shelter* u bini ta' bankini ġodda.

8. Il-Proġett tal-*area* magħrufa Ix-Xatba

Dan jinkludi l-bini ta' ħitan tas-sejjieħ matul it-toroq kollha ta' din l-*area* sal-irdum Tas-Sanap. Il-Kunsill diġà ssottometta applikazzjoni għall-fondi mill-Unjoni Ewropea.

9. Bini ta' ħitan tas-sejjieħ matul Triq il-Qsajjem

Il-Kunsill diġà beda jaħdem fuq dan il-proġett ambizzjuż ta' Triq il-Qsajjem, it-triq li tagħti mill-Munxar għall-parti ta' fuq tax-Xlendi, u fil-fatt diġà bdew id-diskussjonijiet mal-Ministru għal Għawdex u d-Direttur Ġenerali.

10. Ir-Restawr tat-Torri tax-Xlendi

Ir-restawr tat-Torri tax-Xlendi huwa proġett importanti ieħor li l-Kunsill qed jaħdem fuqu. Huwa qed jaħdem mal-i*stakeholders* sabiex jinbeda dan il-proġett. Il-Kunsill huwa determinat illi jitranġa l-passaġġ li jwassal għat-torri u diġà bdew diskussjonijiet mal-perit sabiex din l-*area* tkun aktar aċċessibbli.

11. *Cantilever* fi Triq San Xmun

Il-Kunsill ser jiddiskuti mal-awtoritajiet konċernati l-proposta li jsir *Cantilever* fi Triq San Xmun. Dan ser jolqot żewġ għanijiet billi jkun *belvedere* u billi joffri aktar sigurtà lil min jgħaddi bil-mixi.
Iżda qabel jibda dan il-proġett għandu jsir xogħol ta' restawr u bini mill-ġdid tal-ħajt ta' taħt Triq San Xmun minħabba li jinsab fi stat iddeterjorat. Fil-fatt, il-Kunsill diġà wera t-tħassib tiegħu mad-dipartiment konċernat sabiex naħdmu flimkien fuq ix-xogħol meħtieġ f'dan il-ħajt.

12. Assistenza lill-Parroċċa lokali

Il-Kunsill diġà ltaqa' mal-Kappillan rigward numru ta' proġetti infrastrutturali li l-Kunsill jista' jassisti fihom. Dawn bażikament huma relatati ma' ċentri għaż-żgħażagħ u anzjani.

13. Il-Monument f'ġieħ il-Professur Ġużè Aquilina

Il-Kunsill beda diskussjonijiet mal-Ministeru għal Għawdex sabiex isir monument f'ġieħ il-Professur Ġużè Aquilina fil-Munxar. Il-Professur Aquilina kien resident fil-Munxar u huwa kkunsidrat missier il-lingwa Maltija għall-kontribut kbir tiegħu lil-lingwa Maltija u fil-fatt il-Kunsill diġà semma ġnien għalih.

14. *Priority parking* għar-residenti tax-Xlendi

Il-Kunsill huwa konxju mill-problema ta' *parking* li jsibu r-residenti tax-Xlendi, speċjalment fix-xhur tas-sajf, u għaldaqstant ser jiddiskuti mal-Awtoritajiet Lokali rigward l-implimentazzjoni ta' sistema ta' *priority parking* fil-lokalità.

15. Il-Wied tax-Xlendi

Dan il-wied jitnaddaf bl-assistenza tal-Ministeru għal Għawdex u l-Kunsill ser jikkunsidra l-possibilitajiet kollha sabiex jipproteġi dan il-wied.

16. Il-*Masterpaln* tax-Xlendi

Il-Ministeru għal Għawdex qed jimplimenta l-*Masterplan* tax-Xlendi bbażat fuq ir-riġenerazzjoni tal-*boathouses* li huwa lest, ir-riġenerazzjoni tad-*dry standing area* u r-riġenerazzjoni tal-*Parking area*.
Il-Kunsill il-ġdid ma kienx kuntent bil-fatt illi saret ftit konsultazzjoni dwar dan il-proġett kbir.

F’laqgħa li saret f’Awwissu 2019 il-Kunsill ippropona lill-Ministeru għal Għawdex dawn il-proposti:

1. ma jinqalgħux is-siġar. Il-Kunsill ma jaqbilx illi jinqalgħu s-siġar kemm għad-dehra tal-post kif ukoll għas-saħħa tal-bniedem minkejja n-nuqqas ta’ *parking spaces*.
   Il-Kunsill huwa kommess li jibqa’ jieħu ħsieb u jagħmel minn kollox sabiex l-awtoritajiet konċernati jkollhom kollox ikkontrollat;
2. jiġi kkunsidrat il-fatt illi t-triq ser tgħaddi viċin ħafna tal-*boathouses* u għaldaqstant dan ser ixekkel l-użu tal-*boathouses;*
3. isir studju sabiex tiġi *upgraded* is-sistema tad-drenaġġ għax mhux qed tlaħħaq maż-żieda ta’ persuni residenti fix-Xlendi;
4. ikun hemm *area* żgħira li fiha jinġabar l-iskart kummerċjali sabiex jinqata’ d-*dumping*.

Prijorità Numru 4: L-Indafa u l-Ambjent

17. Tindif fil-lokalità

Il-Kunsill jieħu b’serjetà kbira l-indafa fil-lokalità u għaldaqstant mill-ewwel ħa diversi miżuri f’dan ir-rigward li jinkludu:

- it-tneħħija tal-i*skips* tal-istabbilimenti tal-ikel mill-*Parking* tax-Xlendi minħabba li kien qed isir ħafna *dumping* madwarhom;
- iż-żieda fil-ħaddiema li jnaddfu t-toroq tal-Munxar u Ix-Xlendi;
- tinstab l-aħjar skeda għall-ġbir ta’ skart domestiku u ż-żieda ta’ *bins* fil-*bring in site* tax-Xlendi li jitbattlu darbtejn kuljum.

Bil-kollaborazzjoni tal-*Public Cleansing Section* żdiedu l-*bins* madwar Ix-Xlendi li jitbattlu darba u ġieli darbtejn kuljum.
Barra mill-ġbir ta’ skart domestiku l-Kunsill joffri lir-residenti s-servizz ta’ *bulky refuse* bla ħlas darba fil-ġimgħa, is-servizz ta’ *skip* darba fil-ġimgħa fi Triq Ta’ Marżiena u l-ġbir ta’ oġġetti li jaħdmu bl-elettriku fl-Uffiċċju tal-Kunsill.
Il-Kunsill huwa konxju mill-problema ta’ *cigarette butts* mormija fl-art, speċjalment mal-kosta tax-Xlendi, minkejja x-xogħol mill-ħaddiema tal-*Beach Cleaners* u għaldaqstant ser jinvesti f’*ashtrays* li ser jiġu installati f’proġett pilota.
Il-Kunsill jaħdem bi sħiħ sabiex ikollna lokalità nadifa u ma jittollerax *dumping* u residenti li ma jimxux mal-iskeda tal-ġbir ta’ skart domestiku u għaldaqstant kontinwament iħeġġeġ lir-residenti sabiex jagħmlu l-parti tagħhom u jirrapportaw lill-Pulizija meta jkun hemm abbuż.

18. Siġar ġodda u manutenzjoni tas-siġar preżenti

Il-Kunsill għandu kuntratt mal-ELC Ltd u ma’ kuntrattur privat sabiex jieħdu ħsieb is-siġar u l-pjanti tal-lokalità. Il-Kunsill qed jaħdem sabiex iżid is-siġar u qed jingħata l-assistenza tal-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima sabiex jiżdiedu s-siġar fi Ġnien Ragalna.

19. Kollaborazzjoni ma’ Wasterserv Malta Ltd għall-kampanji edukattivi

Il-Kunsill ser ikun qed jikkollabora ma’ Wasteserv Malta Ltd għall-kampanji edukattivi fir-rigward tal-ġbir tal-iskart li ser jibdew f’Ottubru 2019.

20. Attivitajiet ta’ c*lean-up*

Il-Kunsill huwa kommess li jorganizza diversi attivitajiet fejn isir tindif sabiex il-lokalità tinżamm nadifa u anke nnisslu kultura ta’ interess favur l-ambjent fil-lokalità. Il-Kunsill iħeġġeġ lir-residenti sabiex jieħdu sehem f’attivitajiet bħal dawn u dan wara li f’attività li saret ftit taż-żmien ilu, minkejja n-numru żgħir ta’ parteċipanti, irnexxielna nimlew żewġ *skips* fi ftit sigħat.

Din il-laqgħa spiċċat fis-6:45 ta’ filgħaxija.

**05.8 Tqassim tar-responsabbiltajiet lill-Kunsilliera**

05.8.1 Il-Kunsill irċieva mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għaliex ġie nnutat li hemm xi responsabbiltajiet li ma ġewx imqassma. Dawn huma *Sports* u Attivitajiet Fiżiċi, Anzjani, Qasam Soċjali, Integrazzjoni Soċjali, Innovazzjoni u Tfal. Id-Dipartiment qed jitlob sabiex jerġgħu jitqassmu sabiex jiġu inklużi r-responsabbiltajiet kollha.
Is-Sindku qassam dawn ir-responsabbiltajiet:

**Damien Spiteri - Sindku**
- L-Infrastruttura
- Proġetti
- Komunitajiet
- *Sports* u Attivitajiet Fiżiċi
- Żgħażagħ u Tfal

**Carmela Parnis - Viċi Sindku**
- L-Indafa
- Manutenzjoni Ġenerali
- Anzjani

**Mark Busuttil - Kunsillier**
- Ix-Xlendi
- Qasam Soċjali

**Joseph Cauchi - Kunsillier**
- L-Edukazzjoni
- Il-Kultura
- Innovazzjoni

**Vakant - Kunsillier**
- L-Ambjent
- Il-Ħarsien tal-Annimali
- Integrazzjoni Soċjali

**05.9 Approvazzjoni tal-*Quarterly Report* Jannar-Marzu 2019 (l-ewwel kwart)**

05.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Tliet Xhur) tal-ewwel kwart Jannar/Marzu tas-sena finanzjarja 2019.
Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**05.10 Approvazzjoni tal-*Quarterly Report* Jannar-Ġunju 2019 (it-tieni kwart)**

05.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart tat-tieni kwart Jannar/Ġunju tas-sena finanzjarja 2019.
Il-Kunsill approva dan ir-rapport.

**05.11 Fondi għall-attivitajiet u inizjattivi kulturali u soċjali mill-Aġenzija LESA**

05.11.1 L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nediet fondi għall-Attivitajiet u Inizjattivi Kulturali u Soċjali. L-għan huwa sabiex il-Kunsilli jtellgħu proġetti u attivitajiet għall-komunità u l-proposti eleġibbli għandhom ikunu innovattivi u li jtejbu faċilità eżistenti. Il-proposti għandhom jikkunsidraw l-Ambjent, is-Sostenibbiltà u l-Integrazzjoni.
Ġie deċiż li l-Kunsill japplika sabiex jinxtraw żewġ *pots* u jitpoġġew fil-Pjazza tal-Knisja. L-applikazzjoni tagħlaq fil-31 ta' Ottubru 2019.

**05.12 Fondi mid-*Development Planning Fund***

05.12.1 Saret laqgħa mal-Perit Robert Grech dwar proġetti ġodda fil-lokalità. Huwa ntalab jipprepara *project brief* għall-passaġġ li jagħti għat-Torri tax-Xlendi, il-passaġġ li jagħti għall-Għar ta' Karolina, bini ta' ħitan tas-sejjieħ ta' Ras il-Bajjada u kisi mill-ġdid u bini ta' *water culverts* fi Triq Żgħawri, Il-Munxar.

**05.13 Xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-Lokalità**

05.13.1 Qed isiru diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni u tindif kemm fil-Munxar u anke fix-Xlendi liema xogħlijiet saru mill-ħaddiema tal-Iskema Community Workers Scheme Enterprise Foundation u anke tal-Ministeru għal Għawdex.

**05.14 Il-Proġett tal-Pjazza tal-Knisja**

05.14.1 Kienet saret laqgħa mal-Inġinier Renzo Curmi sabiex jispjega dwar il-proposta li kienet saret xi snin ilu biex il-Pjazza tal-Knisja tiddawwal. F'din il-laqgħa l-inġinier intalab jipprepara *Bill of Quantities* sabiex isir id-dawl f'dik il-parti tal-pjazza u jkun jista' jitwaħħal. Qed nistennew lill-Perit Samuel Formosa sabiex jiġi u ssir laqgħa fuq il-post biex jiġġedded il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar tax-xogħlijiet li għadhom ma sarux.

**05.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

05.15.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 05-2019(01_10_19) li tkopri l-perjodu mill-1 ta' Settembru 2019 sal-1 ta' Ottubru 2019 għall-ammont totali ta' €77,171.98 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kien is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier u s-Sekondat kienet is-Sa Carmela Parnis - Viċi Sindku.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

**05.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

05.16.1 Il-laqgħa aġġornat fis-7:30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar it-Tlieta, 5 ta' Novembru 2019 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 06-2019(05_11_19) li nżammet nhar it-Tlieta, 5 ta' Novembru 2019.

**IFFIRMATA**

Damien Spiteri
Sindku